**JUNIOR LYCEUMS AND SECONDARY SCHOOLS**
**ANNUAL EXAMINATIONS 2002**

Educational Assessment Unit - Education Division

**FORM 5** | **Storja (Ġenerali)** | **ĦIN: Siegħa u tliet kwarti**

Name: ____________________ Class: ______________

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha**

1. Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.

1.1 Id-dolmen huwa fdal ta' (a) Żmien il-Ħaġar (b) Żmien ir-Ram (ċ) Żmien il-Bronż (d) Żmien il-Feniċi.

1.2 L-Imqades tal-Ġgantija huma mibnija (a) bil-briks tas-siment (b) bi blokki tal-konkos (ċ) b'tafal u zkuk (d) b'ħaġar kbir tal-franka u tal-qawwi.

1.3 Il-kappella ta' Ħal Millieri nbniet (a) mill-Kartaġiniżi (b) mir-Rumani pagani (ċ) mill-Maltin Insara (d) mill-Ingliżi Protestanti.

1.4 Il-Partenon f'Ateni huwa mżejjen b'kolonni ta' stil (a) Doriku (b) Joniku (ċ) Korint (d) Ruman.

1.5 L-aktar fdal magħruf f' Paestum (ħdejn Napli) huwa dak ta' (a) tempju Grieg (b) menħir preistoriku (ċ) piramida Eġizzjana (d) kappella medjevali.

(5 x 1 = 5 marki)

2.



Ħares lejn l-istampa u aqra l-paragrafu li ġej. Agħżel mill-paragrafu ħames affarijiet li huma foloz. Niżżilhom fl-ispazju provdut. Niżżel ukoll kif inti taħseb li għandha tkun il-verżjoni korretta.

"Il-girna nsibuha fl-ibliet. Patri Mikiel Fsadni kiteb fuq il-girna. Jgħid li din bdiet tinbena fi żminijietna. Tkun tonda jew kwadra u kienet tintuża mill-bdiewa biex fiha joqogħdu jilagħbu l-karti tal-logħob. Il-ġebel tal-girna jkun bħal dak tas-sejjieħ imma mkaħħal tajjeb bis-siment biex iżomm l-ilma. Is-saqaf ikun bħal koppla. Int tidħol fil-girna minn daħla fit-tond bħal arkata. Dawn il-giren m'għandniex bżonnhom u nistgħu neqirduhom."

| (i) Tagħrif/ideiat foloz | (i) Verżjoni korretta |
|---|---|
| (a) ____________________ | (a) ____________________ |
| (b) ____________________ | (b) ____________________ |
| (ċ) ____________________ | (ċ) ____________________ |
| (d) ____________________ | (d) ____________________ |
| (e) ____________________ | (e) ____________________ |
| (5 x 1 = 5 marki) | (5 x 2 = 10 marki) |

(Total 15 –il marka)

3. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

3.1 Għaliex għandna nikkundannaw l-attakk li kien sar fuq l-imqades ta' l-Imnajdra?

______________________________

______________________________

3.2 Xi fdal Puniku **mibni** għandna fil-Gżejjer Maltin? ______________________________

______________________________

3.3 Għalfejn inbnew il-piramidi? ______________________________

______________________________



3.4 X'tissejjaħ ix-xbieha li tidher f'din l-istampa?

______________________________

3.5 Għaliex din ta' l-istampa tpoġġiet viċin il-piramidi?

______________________________

______________________________

______________________________

3.6 X'tifhem meta tgħid "arkitettura Mora"?

______________________________

3.7 Semmi bini li għad fadal tal-Mori fi Spanja?

______________________________

3.8 F'liema pajjiż jinsabu l-fdalijiet ta' Leptis Magna li jidhru fl-istampa?



______________________________

3.9 Liema poplu bena dak li llum huwa l-fdal ta' Leptis Magna ? ______________________________

3.10 X'tip ta' bini taħseb li kien il-fdal ta' Leptis Magna? ______________________________

(10 x 2 = 20 marka)



4.1 Liema post qed turi din l-istampa?

______________________________

4.2 X'inhi t-tradizzjoni prinċipali marbuta ma' dan il-post? ______________________________

______________________________

4.3 Il- post ta' l-istampa juri fdal ta'żmien ir-Rumani fir-Rabat. Semmi fdal ieħor ta' żmien ir-Rumani li jinsab ukoll fir-Rabat. ______________________________

4.4 X'hemm bħala fdal Ruman fir-Ramla l-Ħamra Għawdex?

______________________________

4.5 Għalxiex kienu jservu l-Banjijiet Rumani li jinsabu f'Għajn Tuffieħa?

___

4.6 X' insejħulu d-disinn magħmul minn biċċiet żgħar ta' l-irħam impoġġija waħda ħdejn l-oħra? ___

(6 x 2 = 12 –il marka)

---

5. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq ir-razzett tradizzjonali Malti.

5.1 Kif nafu li-r-razzett Malti huwa aktarx ta' origini Għarbija?

___

___

5.2 X' isir mill-ilma tax-xita li jinżel fuq il-bjut?

___

5.3 Semmi żewġ skopijiet għala kien jintuża r-razzett?

(a) ___

(b) ___

5.4 Biex kienet tkun miksija l-art tal-kmamar tar-razzett? ___

5.5 X'kienu

(a) il-maqjel ___

(b) ir-remissa ___

(14 –il marka)

---

6. Aqra s-silta li ġejja u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet.

"...Al-Banna twieled f'Jaffa f'Mejju 1937.... Meta l-ġlied bejn l-Għarab u l-Lhud żdied f'dik is-sena (1948), il-familja al-Banna ħarbet u għaddiet tmien xhur f'kamp tar-refuġjati. Jista' jkun li dawn l-esperjenzi ta' tfulitu żergħu it-terroriżmu f' Sabri al-Banna. Waqt intervista ma' *The Times* kelliem għalih qal: "Yasser Arafat u n-nies tiegħu ttradew ir-rivoluzzjoni Palestinjana. Huma lesti li jinnegozjaw ... u għalhekk id-destin tagħhom ikun l-istess bħal dak tat-traditur Sadat" (maqlub minn *The Times*, 7 April 1987).

6.1 Semmi raġuni msemmija fuq li setgħet għamlet lil Sabri al-Banna terrorist?

___

6.2 Fisser il-kelma 'terroriżmu'? ___

___

6.3 Għaliex Sabri al-Banna u l-Għaqda tiegħu (Abu Nidal) jirreferu għal Yasser Arafat u n-nies tiegħu bħala tradituri? ___

___

6.4 Ma' min huwa lest li jinnegozja Yasser Arafat? ___

6.5 Fisser kif il-kwistjoni tal-Palestina qed iġġib bosta tbatijiet saħansitra fost tfal u żgħażagħ. ___

___

(5 x 2 = 10 marki)

---

7. Ħares lejn il-mappa u wieġeb.



A The new map of Europe, 1948.

Mappa ta' l-Ewropa, 1948 (Aylett, J. F. [1996] *The Cold War and After*, Hodder & Stoughton, London).

7.1 Il-USSR ċkienet jew kibret wara t-tieni gwerra dinjija? ____________ (marka)

7.2 X'kienet il-Purtiera tal-Ħadid (Iron Curtain)? ____________

____________ (2 marki)

7.3 Semmi pajjiż li safa maqsum b'din il-purtiera tal-Ħadid? ____________

____________ (2 marki)

7.4 X'tip ta'gvern kellhom dawk il-pajjizi ta' wara l-Purtiera tal-Ħadid? ____________

____________ (marka)

7.5 Kif kienu jissejħu ż-żewġ blokki militari li qasmu l-Ewropa?

____________ (2 marki) ____________ (2 marki)

(Total: 10 marki)

---

8. Agħżel mistoqsija **waħda** u weġibha fit-tul.

8.1 Semmi xi post ta' importanza arkeoloġika jew storika li studjajt fuqu. X'sibt interressanti? Ġib raġunijiet għala dan il-post għandu jiġi kkurat u miżmum tajjeb.

8.2 Uri kif il-kampanja Maltija qed tkabbar bis-sħiħ il-wirt nazzjonali. X'inhu jhedded dan il-wirt? Kif nistgħu nieħdu ħsiebu?

8.3 "F'Diċembru 1989 George Bush, il-President ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerka, u Mikhail Gorbachev, mexxej tal-USSR, iltaqgħu f'Malta u ddikjaraw li l-Gwerra Bierda kienet spiċċat" (maqlub minn Rees, R., & Kelly, N., (1996) *The Modern World* [p.210], Heinemann, London). Spjeqa x'kienet il-Gwerra Bierda u x' konseqwenzi ħalliet fuq l-Ewropa u fuq id-dinja. Għaliex kien pass tajjeb li din spiċċat?

8.4 X' tifhem meta tgħid 'Fundamentaliżmu Iżlamiku'? Taqbel miegħu? Agħti r-raġunijiet tiegħek. Agħti eżempji ta' kif dan jista' jkisser il-paċi. (14 –il marka)